MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Avviz Numru. 301/2007

**Jason Micallef**

**vs**

**David Casa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat it-28 ta' Settembru tas-sena 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat :

1. Illi jhallas lir-rikorrenti dik is-somma li din il-qorti tiddetermina ai termini ta' l-Att dwar l-Istampa, bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta fil-harga tal-gurnal "The Times", ta' nhar il-Hamis, 13 ta' Settembru, tas-sena 2007, ippubblika artikolu ntitolat "*Nothing has changed*", fejn ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-istess rikorrenti bil-ghan li

jtellfu jew inaqqqaslu r-reputazzjoni tieghu meta b'li kiteb, u l-mod kif prezentah, b'qerq u ngann, allega li hu qal diskors fis-sens li jrid li Gvern Laburista ma jkun Gvern tal-maltin kollha izda biss ghal dawk li jkunu membri tal-Partit Laburista, (*affiliated to the MLP …*), meta l-intimat kien jaf tajjeb li bil-maqlub, fl-okkazjoni li ghamel riferenza ghaliha, huwa enfasizza li Gvern Laburista "ser ikun Gvern tal-Maltin u l-Ghawdxin kollha…";

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;

3. Illi l-intimat hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat datata t-12 ta' Novembru tas-sena 2007 li permezz taghha rrisponda s-segwenti:

1. Illi fil-kitba tieghu ma hemm xejn libelluz;

2. Illi l-kummenti ta' l-esponenti jammontaw ghal kumment gust dwar materja ta' nteress pubbliku;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluz is-CD ipprezentat;

Rat id-dikjarazzjoni tar-rapprezentant legali tal-intimat datata d-9 ta' Gunju tas-sena 2009, li nonostante li l-intimat ghazel li ma jiddeponix bil-gurament fl-atti ta' din il-procedura, gie dikjarat li l-intimat " … m'ghandux provi xi jresaq";

Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna kienet giet intavolata wara artikolu miktub mill-intimat u ppubblikat f'pagna 12 fil-harga tal-gurnal "The Times", datat it-13 ta' Settembru tas-sena 2007, intitolat "*Nothing has changed*";

2. Illi skont ir-rikorrenti, l-imsemmi artikolu, filwaqt li jindika certu kliem fi kwotazzjoni, isostni li waqt attivita` politika organizzata minn Charles Buhagiar, l-intimat kien qal is-segwenti kliem:

*"We are alone here and I'm telling you, we will be a government for labour supporters"*;

3. Illi skont ir-rikorrenti l-istess intimat kompla jinveixxi fl-istess artikolu billi sostna wkoll li:

" *This proves that a Labour Party in government will not be a government for all Maltese but only for those affiliated to the MLP*";

4. Illi konsegwentement ir-rikorrenti hassu malafamat bl-istess allegazzjonijiet li inoltre, isostni li m'humiex minnhom;

5. Illi in effetti l-istess rikorrenti jsostni bil-gurament tieghu li tali allegazzjonijiet tal-intimat huma " … gidba lampanti …", (ara fol 17);

6. Illi l-istess rikorrenti jsostni minflok, u dan jirrizulta oggettivament soffragat mis-CDipprezentata in atti, (ara fol 22), li kemm –il darba fl-elezzjoni relattiva ghad-diskors in dizamina, kuntrarjament ghal dak allegat mill-artikolist, kien ser jigi elett gvern laburista, dan kien ser ikun gvern tal-Maltin u tal-Ghawdxin kollha;

7. Illi tenut kont tal-manipulazzjoni subdola tal-intimat, ir-rikorrenti hassu ingurjat bl-imsemmija allegazzjonijiet pubblikati stante li dawn jammontaw ghal xejn aktar minn " … gidba lampanti…",

(ara fol 17), stante li jsostni b'sahha li qatt ma qal kliem f'dan is-sens, (ara fol 18);

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jigi rilevat li nonostante t-trattazzjoni finali orali serrata, l-istess intimat ghazel li ma jidhirx fl-atti u ghalhekk naqas li jressaq il-pozizzjoni tieghu ghall-iskrutinju legali dovut;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-qorti ma tistax hlief li tiehu konjizzjoni tal-fatti kif esposti quddiemha, u kemm fin-nuqqas tal-kontradittorju, kif ukoll fuq l-analizi tal-artikolu u tas-CD de quo, hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi z-zewg allegazzjonijiet fuq riprodotti, flimkien mas-sotto-titolu ghall-istess artikolu migjub taht ir-ritratt tal-artikolist, gewa allegati mill-artikolist in dizamina;

2. Illi wara li ezaminat ix-xhieda u d-dokumenti prodotti, tali allegazzjonijiet tal-artikolist jirrizultaw li m'humiex riflessjoni tal-fatti kif effettivament sehhew fir-realta`;

3. Illi in effetti, fid-diskors tieghu r-rikorrenti, ghalkemm kif mistenni jelogja l-fazzjoni politika tieghu, xorta emfasizza li kemm –il darba fl-elezzjoni de quo kellu jitla' l-Partit Laburista fil-gvern, dan kellu jkun gvern laburista ghall-Maltin kollha;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-allegat kumment gust allegat mill-intimat allura ghandu jkun palezament ovvju li l-allegazzjonijiet addebitati lilu qatt ma jistghu jikkwalifikaw bhala tali stante li ma jirriflettux il-verita` tal-fatti u jirrizultaw li kienu biss manipulazzjoni subdola tal-akkadut biex b'hekk jilhaq l-ghanijiet meskini tieghu;

Illi allura, tenut kont tal-istess mekkanizzazzjoni Makkjevellika, din il-qorti thoss li tali allegazzjonijiet qatt ma jistghu jikkwalifikaw bhala “kumment gust” u konsegwentement, stante li manifestement mhux veritjieri, jikkwalifikaw bhala malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti, anke jekk dan hu persunagg pubbliku involut fil-kamp politiku u allura in vistal tal-kaz Lingens, espost ferm aktar ghall-kritika politika minn kwalunkwe cittadin iehor ordinarju;

Illi pero` li jirrizulta fil-kaz odjern hu li hawn mhux kaz ta’ kritika politika, izda ta’ manipulazzjoni tal-fatti biex, b’qerq fattwali ppubblikat jinferixxi l-akbar dannu possibbli li jista’ jigi infjerit billi unilateralment jigu attribwiti fatti li r-rikorrenti ma jkollux kontroll fuqhom u b’hekk, il-hsara ippjanata tkun il-massimu possibbli;

Illi atitudini bhal din mill-politici lokali m’ghandhiex titkompla u minflok dawn ghandhom jaraw li jaghmlu sforzi akbar biex “jiddwellaw biss politikament”, u dan, b’lealta` u rispett, fuq bazi tal-ideologiji li jistghu jkunu kontrapposti u mhux jimmanipolaw il-fatti kif jaqblilhom;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-artikolu in dizamina intitolat “*Nothing has changed*”, miktub mir-rikorrenti David Casa u ppubblikat f’”The Times” fit-13 ta’ Settembru, 2007, hu malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti Jason Micallef;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

“ Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta’ l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0),

(liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

3. Tikkundanna lill-artikolist intimat David Casa biex a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 ihallas lir-rikorrenti Jason Micallef l-ammont ta' tlett elef Ewro, (€3,000.00), bl-ispejjez ta' din il-procedura;

Illi ghandu jinghad li allegazzjoni falza hi kemm ingusta, kemm ingustifikabbli, molto piu` meta l-istess allegazzjoni falza tigi sbandjerata b'mod malizzjuz u malafamanti fit-termini tal-Kap 248, kif jirrizulta abbundantement li kien il-kaz fil-procedura odjerna;

Illi ghaldaqstant tali allegazzjoni qatt ma tista' tigi suffragata minn forum gudizzjarju li hu minflok obbligat isostni l-liberta` tal-istampa **biss** fil-gustizzja u fl-ambitu tas-sovranita` tad-dritt.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------